# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tas-17 t'April 2023**

**Talba nru. 200/2021**

**KEVIN MUSCAT**
**(KI 239065M)**

*VERSUS*

**ALLISON NATASHA BORG**
**(KI 288581M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fis-7 ta' Lulju 2021 (a fol 1 et seq), l-attur talab lill-konvenuta sabiex tigi ikkundannata thallas l-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (Eur 4500) rapprezentanti self brevi manu li inghata mill-attur lill-konvenuta. Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi inkluz permezz ta' ittra ufficcjali. Bl-Ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra legali datata 10 ta' Dicembru 2020.

Ra illi l-konvenuta giet debitament notifikata fis-6 t'Awwissu 2021 u li ipprezentat risposta fit-13 t'Awwissu 2021 fejn ecceppiet illi t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mhux dovut la in toto u lanqas in parte u li jinkombi fuq l-attur sabiex igib prova ta' kwalunkwe ammont li jista jkun dovut.

Sema x-xhieda ta' Allison Natasha Borg u Kevin Muscat;

Ra d-dokumenti prezentati;

Ra dak li gie registrat fl-udjenza tal-11 t'Ottubru 2022;

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri;

Ra l-atti processwali kollha;

Ra li din il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-Kap ta' l-Ispejjez;

Ikkunsidra

Illi l-attur ressaq din il-kawza sabiex jigbor lura l-ammont ta' erbat elef u hames mitt Ewro li kien sellef lill-konvenuta. Illi matul il-kors ta' din il-kawza saru diversi trattativi sabiex din il-kawza tigi transatta. Dan wassal sabiex matul l-udjenza tal-11 t'Ottubru 2022, il-konvenuta ghaddiet seduta stante l-ammont ta' erbat elef u hames mitt Ewro lill-attur sabiex thallas is-sorte ta' din il-kawza.

Illi l-attur accetta l-hlas ta' erbat elef u hames mitt Ewro b'rizerva ghall-hlas ta' l-ispejjez u kwalunkwe interessi li setghu iddekkorew sal-gurnata tal-hlas effettiv u cioe matul is-seduta tal-11 t'Ottubru 2022.

Illi l-konvenuta tramite d-difensur legali taghha iddikjarat fl-istess udenza tal-11 t'Ottubru 2022 (Fol.41) illi kemm l-ispejjez kif ukoll l-imghaxijiet kienu qed jigu kontestati fl-intier taghhom.

Illi kif jirriżulta mir-riassunt hawn fuq magħmul, d-deċiżjoni attwali ma tirrigwardax aktar dak mitlub fl-Avviż oriġinali. Illi wkoll, kif indikat hawn fuq, l-konvenuta, hallset l-ammont reklamat mill-attur kif magħmula fit-Talba.

Illi dan it-Tribunal sema lill-konvenuta u lill-attur jixhdu rigward l-ispejjez u l-imghaxijiet. Izda t-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenuta ma tat l-ebda raguni valida rigward ir-raguni biex ma' tigiex ikkundannata thallas l-ispejjez u l-imghaxijiet stante illi kienu x'kienu l-fatti li pprecedew il-hlas, li kieku ma saritx din il-kawza, l-attur kien jibqa minghajr flusu. Fix-xhieda taghha l-konvenuta tghid li kien hemm ftehim verbali ma' l-attur li hija thallsu lura wara li tbiegh propjeta. Izda dwar dan, il-konvenuta ma pprezentat l-ebda prova.

Illi l-fatt illi sar il-hlas matul il-kors ta' din il-kawza wasslet ghal ammissjoni tad-dejn li l-konvenuta kellha fil-konfront ta' l-attur. Huwa ben magħruf li l-ħlas jippreżumi debitu. Illi in oltre, il-hlas min-naha tal-konvenuta seduta stante hija meqjusa bhala evidenza mill-aktar qawwija minn kull evidenza oħra u dan in omaġġ tal-prinċipju li "confessio est probatio probatissima"

Illi finalment, għandu jkun indiskuss li l-konsegwenza naturali (sakemm ma tingħatax raġuni valida) ta' dan il-ħlas huwa l-indennizz tal-ispejjeż ġudizzjarji li saru propju għal-irkupru tad-dejn oriġinali. Dan sejjer jgħodd ukoll għal dak li jikkonċerna l-ħlas tal-imgħax, liema interessi ġew mitluba fl-Avviż.

Fis-sentenza fl-ismijiet Michael Fenech vs Joseph Cassar (Citazzjoni Numru. 504/1997/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Marzu 2004 reġa ġie ribadit hekk: "*Hu principju pacifikament akkolt illi l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li ghandu jaghti, u fil-fatt jghaddi wkoll ghall-hlas, ma jistax jigi mehlus mill-hlas ta' l-ispejjez jekk ma jkunx hemm xi raguni in kuntrarju* (Kollez. Vol. XLI P I p612);"

**Decide**

Għaldaqstant, t-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi, fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-konvenuta, jilqa' t-Talba u jikkundanna l-konvenuta tħallas l-ispejjez ta' din il-kawza flimkien ma' l-imghax mis-7 ta' Lulju 2021 (prezentata tat-Talba) sal-11 ta' Ottubru 2022 (data tal-hlas effettiv).

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikant